# IL - FRATELLANZA TAL - VIA SAGRA FIL - BIRGU

**Lorenzo Zahra.**

Fis-sena 1979 is-Sur Gwido Lanfranco kien organizza fl-Istitut Kattoliku l-Furjana wirja dwar il-Fratellanzi f'Malta. Fost l-espożizzjonijiet kien hemm libsa ta' fratell tal-Via Sagra tal-Birgu li dwarha ser ngħati xi tagħrif.

L-użu ta' kwadri tal-Via Sagra fil-knejjes tagħna nistgħu ngħidu li nbeda mal-bidu tas-seklu 18 tant li uħud mill-eqdem huma xogħol tal-pittur Franġisk Zahra li għex bejn (1710-1773). Il-kwadri fil-Knisja tal-Birgu saru fl-1811 mill-pittur Bonomu. Dawn issa jinsabu fl-Oratorju billi minflokhom fl-1956 saru sett ta' rħam. Fil-21 ta' Awwissu 1876 fil-Birgu twaqqfet il-Fratellanza tal-Via Sagra li baqgħet unika f'Malta. Din il-Fratellanza fil-bidu tagħha kienu miktuba fiha bosta nies tal-baħar u barklori biżżejjed ngħidu li meta ġara l-inċident li ser insemmu kienu miktuba 320 fratell. Dawn il-fratelli ma kellhomx konfratijja bajda bħal fratelli l-oħrajn, imma kienu jilbsu suttana ħamra bħal Kardinali u b'kappell fuq darhom minflok barnuż. In-nies tal-Birgu kienu mkabbra wisq b'din il-fratellanza u billi kienu jieħdu ħsieb il-kappellun ta' San Franġisk fejn kien hemm niċċa qadima b'Ġesu' Nażżarenu ħadu ħsieb jiddekoraw il-kappellun billi fih għamlu wkoll niċċa lil San Lawrenz li saret fl-1880 bi spiża ta' Lm400 mħallsa mill-Piloti.

Mela fis-sena 1882 l-Isqof ordna li din il-fratellanza ma tieħux sehem aktar fil-purċissjonijiet. Il-Fratelli tant imkabbra b'din l-unika Fratellanza ta' dik l-għamla u b'dik il-libsa hell sabiħa iddeċidew li minkejja l-ordni ta' l-Isqof xorta waħda jieħdu sehem u fil-proċessjoni tas-Salib Imqaddes fit-3 ta' Mejju,1882, ħadu sehem b'għadd sabiħ minnhom. Allura l-Isqof ta' dak iż-żmien ordna li l-proċessjoni li jmiss ta' Korpus tkun sospiża. Din il-proċessjoni fil-Birgu nistgħu ngħidu li kienet l-ewwel li saret f'din il-belt saħansitra waqt l-Assedju l-Kbir, u hekk anke l-Kleru ħadha bi kbira dik is-sospensjoni.

Sa dan it-tant il-Fratelli kollha li ħadu sehem fil-proċessjoni tas-Salib irċevew ċitazzjoni mill-Pulizija fosthom ukoll xi membri tal-Kapitlu. Allura mat-tmienja ta'

filgħodu nhar Korpus il-qniepen bħas-soltu bdew idoqqu jsejħu l-poplu u ħdejn il-knisja kienu miġbura bosta nies u fratelli. Hawn bdew il-kummenti dwar il-fatt li ma kienetx ser issir il-proċessjoni għax l-Isqof Scicluna kien issospendiha. Kelma ġġib l-oħra, sar irvell wara l-bieb tal-Knisja u uħud kissru l-arma ta' l-Isqof li kienet fuq il-bieb. Indaħlet il-Pulizija u saru l-arresti. B'dan l-att kien hemm min qal li l-Knisja saritilha dekonsagrazzjoni allura sfat magħluqa għal xi jiem sa ma kollox ikkwieta.

Kellu jkun l-Isqof Kapuċċin Mons. Buhaġiar li ndaħal biex sewwa kollox. Dan ġiegħel li l-Fratellanza tagħmel talba lill-Isqof li jkunu lesti li jaċċettaw tibdil fil-libsa tal-fratelli minn dik bil-kappell aħmar fuq dahrhom għal barnuż aħmar kif ukoll waqt li flok kunfratija jibqgħu jżommu is-suttana ħamra, jilbsu wkoll muzzetta sewda bħal fratellanzi oħrajn bis-salib tad-deheb fuqha. Il-Fratellanza fuq din it-talba ingħatat digriet mill-Kurja u fis-sena 1885, dan l-Isqof ġie l-Birgu jikkunsenja id-digriet lill-Fratelli u jieħu sehem fil-festa ta' San Lawrenz. Id-digriet kien iġib id-data tas-6 ta' Awissu 1885. Dan l-Isqof ġie bil-gondola ta' l-Armirall u niżel fix-xatt il-Kbir għand l-Armirall Ingliż u l-fratelli u l-Kleru daħlu jilqgħuh u wassluħ sal-Parroċċa bil-proċessjoni. Wara, fl'Awla Kapitulari tqiegħed kwadru ta' l-Isqof, pittura ta' L. Pisani, b'kitba ta' tifħir taħt il-kwadru. Dan iżda safa meqrud fil-gwerra. Sfortunatament wara l-Gwerra il-Fratellanza bħal tant oħrajn spiċċat fix-xejn.
(Dan it-tagħrif miksub mill-Ark. tal-Kolleġġjata u tal-Kurja.)

---

**AWGURI lil Rafel Bonnici Calì**

L-Editur u l-Kumitat tal-Għaqda Tal Folklor jixtiequ jifirħu lis-Sur Rafel Bonnici Calì li din is-sena għalaq 90 sena. Huwa wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħna, wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tagħna, u spiss għamel kitbiet għall-L-Imnara. Minbarra ix-xogħol tiegħu dejjem kien, u għadu jaħdem għall-interess tal-folklor Malti. Nawgurawlu aktar snin ta' saħħa u xogħol.